**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum l-1 ta' Novembru 2018

Rikors Nru : 282/18 AL

**A B**

***vs***

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Mejju tas-sena 1992 fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Ghaxaq kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom hawn ess u mmarkat bhala 'Dok A';

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal, M B li twieldet fl-24 ta' Marzu 1993, u R B li twieldet fis-6 ta' Mejju 1997, illum adulti;

Illi l-kontendenti xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta'

kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon fl-1 ta' Dicembru tas-sena 2005, hawn ess u mmarkat bhala 'Dok B';

Illi ghaldaqstant ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom, u infatti, tlettax-il (13) sena;

Illi l-esponenti tiddikjara illi l-manteniment dovut huwa ndikat fis-separazzjoni essa, u li prezentement ma hemmx aktar manteniment;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikoncilajzzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi konsegwentement jirrikorru l-elementi kollha mehtiega skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-kontendenti;

Illi l-esponenti A  B tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha "Vassallo";

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tawtorizza u tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti ai termini tal-Artikolu 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;
ii. Tordna u tawtorizza lil A  B tirriverti ghal kunjom xbubitha "Vassallo";

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju , 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimat, fuq domanda tal-Qorti, wiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti A  B talbet fir-rikors guramentat taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u  cioe' "Vassallo" u il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni mehtiega f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi ilhom legalment separati sa mill-21 ta' Novembru 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti A  B sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Vassallo, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;